PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0053/2014

27.1.2014

***I
RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea.
(COM(2013)0192 – C7-0097/2013 – 2013/0103(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Christofer Fjellner

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA..... 56

PROĊEDURA 61

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (COM(2013)0192 – C7-0097/2013 – 2013/0103(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0192),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0097/2013),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0053/2014),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Wara r-reviżjoni, xi dispożizzjonijiet tar-Regolamenti għandhom jiġu emendati sabiex jitjiebu t-trasparenza u l-prevedibbiltà, jiġu previsti miżuri effettivi	(3) Wara r-reviżjoni, xi dispożizzjonijiet tar-Regolamenti għandhom jiġu emendati sabiex jitjiebu t-trasparenza u l-prevedibbiltà, jiġu previsti miżuri effettivi

kontra r-ritaljazzjoni, jitjiebu l-effettività u l-infurzar u tiġi ottimizzata l-prattika tar-reviżjoni. ***Barra minn hekk, ċerti prattiki li fis-snin reċenti ġew applikati fil-kuntest ta' investigazzjonijiet tal-anti-dumping u kontra s-sussidji għandhom jiġu inklużi fir-Regolamenti.***	kontra r-ritaljazzjoni ***minn pajjiżi terzi***, jitjiebu l-effettività u l-infurzar u tiġi ottimizzata l-prattika tar-reviżjoni.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika dwar min jista' jibda ritaljazzjoni kontra l-UE.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex jitjiebu t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-investigazzjonijiet tal-anti-dumping u kontra s-sussidji, il-partijiet li jiġu affettwati mill-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji tal-anti-dumping u kompensatorji, b'mod partikolari l-importaturi, għandhom jiġu infurmati dwar l-impożizzjoni imminenti ta' tali miżuri. Iż-żmien mogħti għandu jikkorrispondi għall-perjodu bejn is-sottomissjoni tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni lill-kumitat tal-anti-dumping stabbilit skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u lill-kumitat kontra s-sussidji stabbilit skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 597/2009 u l-adozzjoni ta' dak l-att mill-Kummisjsoni. Dan il-perjodu huwa stabbilit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Ukoll, f'investigazzjonijiet fejn ma jkunx xieraq li jiġu imposti miżuri proviżorji, huwa ideali li l-partijiet ikunu infurmati minn żmien kmieni biżżejjed b'tali nuqqas ta' impożizzjoni.	***imħassar***

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiżguraw miżuri effettivi kontra r-ritaljazzjoni, il-produtturi tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq ir-Regolamenti mingħajr il-biża' ta' ritaljazzjoni minn partijiet terzi. Id-dispożizzjonijiet eżistenti, f'ċirkustanzi speċjali, jipprevedu l-bidu ta' investigazzjoni mingħajr ma jkun wasal ilment, fejn ikun hemm evidenza biżżejjed tal-eżistenza ta' dumping, sussidji kompensatorji, ħsara u ***kawżalità***. Tali ċirkostanzi speċjali għandhom jinkludu theddida ta' ritaljazzjoni.	***(6)*** Sabiex jiżguraw miżuri effettivi kontra r-ritaljazzjoni, il-produtturi tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq ir-Regolamenti mingħajr il-biża' ta' ritaljazzjoni minn partijiet terzi. Id-dispożizzjonijiet eżistenti, f'ċirkustanzi speċjali, ***b'mod partikolari fejn huma kkonċernati setturi diversi u frammentati li fil-biċċa l-kbira huma magħmula minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs),*** jipprevedu l-bidu ta' investigazzjoni mingħajr ma jkun wasal ilment, fejn ikun hemm evidenza biżżejjed tal-eżistenza ta' dumping, sussidji kompensatorji, ħsara u ***rabta kawżali***. Tali ċirkostanzi speċjali għandhom jinkludu theddida ta' ritaljazzjoni ***minn pajjiżi terzi***.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Meta investigazzjoni ma tkunx inbdiet minn ilment, ***għandu jiġi impost obbligu fuq il-produtturi*** tal-Unjoni biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għat-tkomplija tal-investigazzjoni, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm informazzjoni biżżejjed disponibbli għat-twettiq tal-investigazzjoni fil-każ li jkun hemm tali theddid ta' ritaljazzjoni.	(7) Meta investigazzjoni ma tkunx inbdiet minn ilment, ***għandha ssir talba għal kooperazzjoni lill-produtturi*** tal-Unjoni biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għat-tkomplija tal-investigazzjoni, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm informazzjoni biżżejjed disponibbli għat-twettiq tal-investigazzjoni fil-każ li jkun hemm tali theddid ta' ritaljazzjoni. ***L-intrapriżi żgħar u l-mikrointrapriżi għandhom jiġu eżentati minn dak l-obbligu sabiex jinħelsu minn piżijiet amministrattivi u***

spejjeż mhux raġonevoli.

Ġustifikazzjoni

Dan ma jistax ikun "obbligu" għaliex ma hija prevista l-ebda sanzjoni . Għalhekk, ikun iżjed sensibbli li ssir referenza għal talba għall-kooperazzjoni, u jitħalla f'idejn il-produtturi tal-Unjoni jekk iwieġbux għaliha b'mod pożittiv jew le.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex tiġi ottimizzata l-prattika tar-reviżjoni, id-dazji miġbura matul l-investigazzjoni għandhom jiġu rimborżati lill-importaturi, fejn il-miżuri ma jiġux estiżi wara l-konklużjoni ta' investigazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza. Dan huwa xieraq minħabba l-fatt li l-kundizzjonijiet rikjesti għat-tkomplija tal-miżuri ma jidhrux li kienu jeżistu matul il-perjodu ta' investigazzjoni.	***imħassar***

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Kwalunkwe dokument immirat li jiċċara l-prattiki stabbiliti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament (inkluż l-erba' abbozzi ta' linji gwida dwar l-għażla ta' pajjiż analogu, dwar ir-reviżjonijiet tal-iskadenzi u t-tul ta' żmien tal-miżuri, dwar il-marġni tal-ħsara u dwar l-interess tal-Unjoni), għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni biss wara d-dħul fis-seħħ ta'

dan ir-Regolament u wara konsultazzjoni xierqa mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u għandu jirrifletti bis-sħiħ il-kontenut ta' dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe reviżjoni li ssir mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għar-Regolament propost titqies fil-linji gwida li finalment jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Għal kuntrarju tal-Istati Membri tagħha, l-Unjoni mhix parti mill-Konvenzjonijiet tal-ILO. Għalissa, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni rratifikaw biss il-Konvenzjonijiet "ewlenin" tal-ILO . Sabiex id-definizzjoni ta' livell suffiċjenti ta' standards soċjali bbażati fuq il-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1225/2009 tinżamm aġġornata, il-Kummissjoni se taġġorna dak l-Anness, permezz tal-atti ddelegati, hekk kif l-Istati Membri tal-Unjoni jkunu rratifikaw Konvenzjonijiet oħra ta' "prijorità" tal-ILO.

Ġustifikazzjoni

Il-punt ta' riferiment għad-determinazzjoni ta' "livell suffiċjenti ta' standards soċjali" huwa bbażat fuq il-Konvenzjonijiet tal-ILO. Dan huwa konsistenti mal-approċċ li l-UE kienet qed tuża wkoll fil-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fi ħdan il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles, u fl-iskema GSP+. Madankollu, billi l-Istati Membri, u mhux l-UE, huma parti mill-Konvenzjonijiet tal-ILO, huwa importanti li jiġi żgurat, għall-iskop ta' konsistenza, li l-Istati Membri kollha rratifikaw dawk il-konvenzjonijiet sabiex jiġi identifikat denominatur komuni minimu li jista' jintuża għall-punt ta' riferiment. Għalissa, dan id-denominatur komuni minimu huwa rrappreżentat mill-Konvenzjonijiet "Ewlenin" tal-ILO; iżda, hekk kif l-Istati Membri kollha jkunu rratifikaw Konvenzjonijiet oħra tal-ILO, b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet ta' "Prijorità" tal-ILO, il-Kummissjoni għandha taġġorna l-punt ta' riferiment skont dan id-denominatur komuni minimu ġdid.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Setturi diversi u frammentati li fil-biċċa l-kbira huma magħmula minn SMEs, għandhom diffikultajiet biex jaċċedu għall-proċedimenti għad-difiża tal-kummerċ minħabba l-kumplessità tal-proċeduri u l-ispejjeż għoljin relatati magħhom. L-aċċess tal-SMEs għall-istrument għandu jiġi ffaċilitat billi jissaħħaħ ir-rwol tal-Help Desk tal-SMEs, li għandha tappoġġja lill-SMEs biex iressqu l-ilmenti u biex jilħqu l-limiti meħtieġa għat-tnedija tal-investigazzjonijiet. Il-proċeduri amministrattivi dwar il-proċedimenti għad-difiża tal-kummerċ għandhom ukoll jiġu adattati aħjar għar-restrizzjonijiet tal-SMEs.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) F'każijiet ta' anti-dumping, it-tul ta' żmien tal-investigazzjonijiet għandu jkun limitat għal disa' xhur u dawk l-investigazzjonijiet għandhom jintemmu fi żmien 12-il xahar mill-bidu tal-proċedimenti. F'każijiet ta' kontra s-sussidji, it-tul ta' żmien tal-investigazzjonijiet għandu jkun limitat għal disa' xhur u dawk l-investigazzjonijiet għandhom jintemmu fi żmien 10 xhur mill-bidu tal-proċedimenti. Fi kwalunkwe każ, id-dazji proviżorji

	għandhom jiġu imposti biss matul perjodu li jibda 60 jum wara l-bidu tal-proċedimenti sa sitt xhur wara l-bidu tal-proċedimenti.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) L-elementi mhux kunfidenzjali ta' impenji mressqa lill-Kummissjoni għandhom jiġu żvelati aħjar lill-partijiet interessati, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-konsultazzjoni mal-industrija tal-Unjoni għandha ssir obbligu tal-Kummissjoni qabel taċċetta kwalunkwe offerta ta' impenn.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Ir-rapport annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u r-Regolament (KE) Nru 597/2009, jippermetti monitoraġġ regolari u f'waqtu tal-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ bħala parti mit-twaqqif ta' djalogu interistituzzjonali strutturat dwar din il-kwistjoni. Il-pubblikazzjoni ta' dak ir-rapport, sitt xhur wara l-preżentazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tiżgura t-trasparenza tal-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ għall-partijiet interessati u għall-pubbliku.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18b) Il-Kummissjoni għandha tiżgura aktar trasparenza fir-rigward tal-proċedimenti, il-proċeduri interni u r-riżultati tal-investigazzjonijiet, u l-fajls kollha mhux kunfidenzjali għandhom ikunu aċċessibbli lill-partijiet interessati permezz ta' pjattaforma fuq l-internet.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 18c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18c) Il-Kummissjoni għandha tinforma fuq bażi regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-bidu ta' kwalunkwe investigazzjoni u l-iżviluppi relatati ma' dawk l-investigazzjonijiet.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 18d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18d) Meta l-għadd ta' produtturi fl-Unjoni tant ikun kbir li jkollu jittieħed kampjun, il-Kummissjoni għandha, meta tkun qed tagħżel kampjun ta' produtturi, tqis bis-sħiħ il-proporzjon tal-SMEs fil-kampjun, b'mod partikolari fil-każ ta' setturi industrijali diversi u frammentati li fil-biċċa l-kbira huma magħmula minn SMEs.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri ***tal-Komunità*** Ewropea	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri ***tal-Unjoni*** Ewropea *(Din l-emenda tapplika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 kollu)*

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-pajjiżi terzi jinterferixxu dejjem aktar fil-kummerċ għall-benefiċċju tal-produtturi domestiċi, pereżempju billi jimponu taxxi fuq l-esportazzjoni jew billi jużaw skemi ta' pprezzar doppju. Tali interferenzi joħolqu tgħawwiġ addizzjonali tal-kummerċ. Għalhekk, il-produtturi tal-Unjoni mhux biss issirilhom il-ħsara mid-dumping, iżda meta mqabbla mal-produtturi minn pajjiżi terzi involuti f'tali prattiki, jiġu affettwati wkoll minn tgħawwiġ addizzjonali fil-kummerċ. Id-differenzi fil-livell tal-istandards tax-xogħol u ambjentali jistgħu jirriżultaw ukoll f'tgħawwiġ addizzjonali tal-kummerċ. Għalhekk, ir-regola tal-inqas dazju m'għandhiex tapplika f'dawn il-każijiet, fejn il-pajjiż esportatur ikollu livell insuffiċjenti ta'

standards soċjali u ambjentali. Livell suffiċjenti huwa ddefinit mir-ratifika tal-Konvenzjonijiet ewlenin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali (MEAs) li l-Unjoni hija parti minnhom. L-SMEs jiġu affettwati b'mod partikolari minn kompetizzjoni inġusta billi d-daqs żgħir tagħhom ma jħallihomx jadattaw għaliha. Għalhekk, ir-regola tal-inqas dazju m'għandhiex tapplika meta l-ilment ikun ġie ppreżentat f'isem settur magħmul fil-biċċa l-kbira tiegħu minn SMEs. Ir-regola tal-inqas dazju għandha madankollu tapplika dejjem meta t-tgħawwiġ strutturali tal-materja prima jkun ir-riżultat ta' għażla deliberata magħmula minn pajjiż l-anqas żviluppat biex jipproteġi l-interess pubbliku.

Ġustifikazzjoni

Sabiex is-sħab kummerċjali tal-UE jiġu skoraġġiti milli jinvolvu ruħhom fi prattiki li joħolqu tgħawwiġ strutturali fil-kummerċ, ir-regola tal-inqas dazju m'għandhiex tapplika f'dawk il-każijiet, fejn il-pajjiż esportatur ikollu livell insuffiċjenti ta' standards soċjali u ambjentali jew fejn l-ilmentaturi jkunu SMEs. Għandha tapplika dejjem, madankollu, meta t-tgħawwiġ strutturali tal-materja prima jkun ir-riżultat ta' għażla deliberata magħmula minn pajjiż l-anqas żviluppat biex jipproteġi l-interess pubbliku u l-għanijiet leġittimi tal-iżvilupp.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt -1b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1b. Fl-Artikolu 1(1), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:
	"L-użu ta' kwalunkwe prodott li huwa l-oġġett ta' dumping f'konnessjoni mal-esplorazzjoni tal-Blata Kontinentali jew iż-Żona Ekonomika Esklussiva ta' Stat Membru, jew l-isfruttament tar-riżorsi

tiegħu, għandu jiġi ttrattat bħala importazzjoni taħt dan ir-Regolament u għandu jiġi impost bid-dazju skont dan, meta jagħmel ħsara lill-industrija tal-Unjoni."

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (UNCLOS) u l-prattiki internazzjonali, l-UE għandha tapplika l-istrument tal-anti-dumping anke għal oġġetti maħsuba biex jintużaw fil-Blata Kontinentali jew fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tal-Istati Membri tagħha.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 1c (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 1 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1c. Fl-Artikolu 1, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"4a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, materja prima tfisser id-dħul ta' prodott speċifiku li għandu impatt determinanti fuq il-kost tal-produzzjoni tiegħu."

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jingħataw elementi ta' definizzjoni sabiex ikun iċċarat xi tfisser "materja prima" għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Din tinkludi l-enerġija, il-materjal kif ukoll kull tip ta' element ieħor li jikkorrispondi għall-kriterji msemmija.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 1d (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 1 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1d. Fl-Artikolu 1, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"4b. Għandu jitqies li materja prima tkun soġġetta għal tgħawwiġ strutturali meta l-prezz tagħha ma jkunx biss riżultat ta' operat normali tal-forzi tas-suq li jirrifletti l-offerta u d-domanda. Tali tgħawwiġ ikun ir-riżultat ta' interferenza min-naħa ta' pajjiżi terzi li jinkludu, fost l-oħrajn, taxxi fuq l-esportazzjoni, restrizzjonijiet għall-esportazzjoni, kif ukoll skemi ta' pprezzar doppju."

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jingħataw elementi ta' definizzjoni tat-terminu "tgħawwiġ strutturali", minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regola tal-inqas dazju. It-tieni sentenza tindika tipi ta' tgħawwiġ attwali, filwaqt li tippermetti marġni ta' manuvra lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tqis tipi ġodda ta' tgħawwiġ li jikkorrispondu ma' din id-definizzjoni li jistgħu jitfaċċaw fil-futur.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fl-Artikolu 5, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"1a. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-istrument għas-setturi industrijali diversi u frammentati, fil-biċċa l-kbira magħmula minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), fil-kuntest ta' każijiet ta' anti-dumping, permezz ta' Help Desk tal-SMEs.

Il-Help Desk tal-SMEs għandha tqajjem kuxjenza dwar l-istrument, tipprovdi informazzjoni u spjegazzjonijiet dwar il-każijiet, dwar kif jitressaq ilment u dwar kif tiġi ppreżentata aħjar l-evidenza ta' dumping u sussidji kompensatorji u ta' ħsara.

Il-Help Desk tal-SMEs għandha tagħmel disponibbli formoli standard għas-sottomissjoni tal-istatistika għall-finijiet permanenti u l-kwestjonarji.

Wara l-bidu ta' investigazzjoni, il-Help Desk tal-SMEs għandha tinforma lill-SMEs u lill-assoċjazzjonijiet rilevanti tagħhom li x'aktarx se jkunu affettwati mill-bidu ta' proċedimenti u l-iskadenzi rilevanti għar-reġistrazzjoni bħala parti interessata.

Il-Help Desk għandha tgħin fl-indirizzar tal-kwistjonijiet rigward il-mili ta' kwestjonarji, fejn għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-mistoqsijiet tal-SMEs fir-rigward ta' investigazzjonijiet mibdija skont l-Artikolu 5(6). Sakemm huwa possibbli, għandha tnaqqas il-piż ikkawżat mill-ostakli tal-lingwa.

Fil-każ li l-SMEs jipprovdu evidenza prima facie ta' dumping jew tas-sussidji kompensatorji, il-Help Desk tal-SMEs għandha tipprovdi lill-SMEs b'informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-volum u l-valur tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat skont l-Artikolu 14(6).

Għandha tipprovdi wkoll gwida dwar metodi addizzjonali ta' kuntatt u kooperazzjoni mal-Uffiċjal tas-Seduta u mal-awtoritajiet doganali nazzjonali. Il-Help Desk tal-SMEs għandha tinforma wkoll lill-SMEs dwar il-possibbiltajiet u l-kundizzjonijiet li fihom huma jistgħu jitolbu reviżjoni tal-miżuri u rifużjoni tad-dazji ta' anti-dumping imħallsa."

Emenda 21
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 1b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Fl-Artikolu 5(4), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:
	"Fil-każ tas-setturi industrijali diversi u frammentati, fil-biċċa l-kbira magħmula minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-Kummissjoni għandha tassisti biex jintlaħqu dawk il-limiti permezz tal-appoġġ tal-Help Desk tal-SMEs."

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 1c (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1c. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:
6. Jekk f'ċirkustanzi speċjali, ***jkun deċiż*** li tinbeda investigazzjoni mingħajr ma jkun ġie riċevut ilment miktub minn jew għan-nom ***ta' l-industrija Komunitarja*** għall-bidu ta' investigazzjoni bħal din, dan għandu jsir fuq il-bażi ta' biżżejjed evidenza ta' ***bejgħ taħt il-prezz***, ħsara u rabta ***każwali***, kif deskritt fil-paragrafu 2, biex tiġi ġġustifikata inizjazzjoni bħal din.	"6. Jekk f'ċirkustanzi speċjali, ***b'mod partikolari meta jkunu kkonċernati setturi diversi u frammentati li fil-biċċa l-kbira huma magħmula minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-Kummissjoni tiddeċiedi*** li tinbeda investigazzjoni mingħajr ma jkun ġie riċevut ilment miktub minn jew għan-nom ***tal-industrija tal-Unjoni*** għall-bidu ta' investigazzjoni bħal din, dan għandu jsir fuq il-bażi ta' biżżejjed evidenza ta' ***dumping, l-eżistenza ta' sussidji kompensatorji***, ħsara u rabta ***kawżali***, kif deskritt fil-paragrafu 2, biex tiġi ġġustifikata inizjazzjoni bħal din."

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 1d (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 6 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 9 jinbidel b'dan li ġej:
9. Għall-proċeduri mibdija ***skond*** l-Artikolu 5(9), investigazzjoni għandha, kull fejn possibbli, tiġi konkluża fi żmien ***sena***. Fi kwalunkwe każ, ***investigazzjonijiet bħal dawn għandhom*** fil-każijiet kollha ***jiġu konklużi*** fi żmien ***15-il xahar*** mill-bidu, ***skond*** is-sejbiet magħmula ***skond*** l-Artikolu 8 ***għall-attivitajiet*** jew is-sejbiet magħmula ***skond*** l-Artikolu 9 għal azzjoni definittiva.	"9. Għall-proċeduri mibdija ***skont*** l-Artikolu 5(9), investigazzjoni għandha, kull fejn possibbli, tiġi konkluża fi żmien ***disa' xhur***. Fi kwalunkwe każ, ***tali investigazzjoni għandha*** fil-każijiet kollha ***tiġi konkluża*** fi żmien ***sena*** mill-bidu, ***skont*** is-sejbiet magħmula ***skont*** l-Artikolu 8 ***għall-impenji*** jew is-sejbiet magħmula ***skont*** l-Artikolu 9 għal azzjoni definittiva. ***Il-perjodi tal-investigazzjoni għandhom, kull fejn possibbli, b'mod speċjali fil-każ ta' setturi diversi u frammentati li fil-biċċa l-kbira huma magħmula minn SMEs, jikkoinċidu mas-sena finanzjarja."***

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 6 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produtturi tal-Unjoni tal-prodott simili huma ***obbligati*** li jikkooperaw fil-proċedimenti li jkunu nbdew skont l-Artikolu 5(6).	Il-produtturi tal-Unjoni tal-prodott simili***, bl-eċċezzjoni ta' produtturi tal-Unjoni żgħar u ta' daqs mikro*** huma ***mitluba*** li jikkooperaw fil-proċedimenti li jkunu nbdew skont l-Artikolu 5(6).

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 6 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-aħjar aċċess possibbli għall-informazzjoni lill-partijiet interessati kollha billi tippermetti sistema ta' informazzjoni fejn il-partijiet interessati jiġu mgħarrfa fil-każ ta' żieda ta' informazzjoni ġdida mhux kunfidenzjali fil-fajls tal-investigazzjoni. Informazzjoni mhux kunfidenzjali għandha tkun aċċessibbli wkoll permezz ta' pjattaforma bbażata fuq l-internet.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 6 – paragrafu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10b. Il-Kummissjoni għandha tħares l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati u għandha tiżgura li l-proċedimenti jiġu ttrattati b'mod imparzjali, b'mod oġġettiv u f'perjodu ta' żmien raġonevoli, permezz ta' Uffiċjal tas-Seduta fejn xieraq.

Ġustifikazzjoni

Għandha titjieb it-trasparenza, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-fiduċja tal-produtturi u tal-konsumaturi fl-istrument, u tinżamm il-leġittimità tiegħu.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 6 – punt 10c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10c. Il-Kummissjoni għandha toħroġ kwestjonarji biex jintużaw fl-investigazzjonijiet fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, fuq talba tal-partijiet interessati.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-SMEs fil-proċedimenti, u sabiex jitjieb il-livell ta' kooperazzjoni, il-kwestjonarji għandhom ikunu disponibbli, fuq talba, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 3 – punt a
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 7 – paragrafu 1 – l-ewwel u t-tieni sentenza

Test fis-seħħ	*Emenda*
1. Dazji proviżorji jistgħu jiġu imposti jekk ikunu inbdew proċeduri ***skond*** l-Artikolu 5, jekk notifikazzjoni ġiet mogħtija b'dak l-effett u l-partijiet interessati ġew mogħtija biżżejjed opportunitajiet biex jissottomettu informazzjoni u jagħmlu kummenti skond l-Artikolu 5(10), jekk jiġi determinat proviżorjament b'mod affermattiv dumping u tkun saret ħsara konsegwenti lill-industrija ***Komunitarja***, u jekk l-interess ***Komunitarju*** jirrikjedi ***intervenzjoni*** biex tiġi ***pprevenuta*** ħsara bħal din. Id-dazji proviżorji għandhom ikunu imposti mhux aktar kmieni minn 60 ġurnata mill-bidu tal-proċeduri imma mhux aktar tard minn ***disa'*** xhur mill-bidu tal-proċeduri.	1. Dazji proviżorji jistgħu jiġu imposti jekk ikunu nbdew proċeduri ***skont*** l-Artikolu 5, jekk notifikazzjoni ġiet mogħtija b'dak l-effett u l-partijiet interessati ġew mogħtija biżżejjed opportunitajiet biex jissottomettu informazzjoni u jagħmlu kummenti skont l-Artikolu 5(10), jekk jiġi determinat proviżorjament b'mod affermattiv dumping u tkun saret ħsara konsegwenti lill-industrija ***tal-Unjoni***, u jekk l-interess ***tal-Unjoni*** jirrikjedi ***intervent*** biex tiġi ***evitata*** ħsara bħal din. Id-dazji proviżorji għandhom ikunu imposti mhux aktar kmieni minn 60 ġurnata mill-bidu tal-proċeduri imma mhux aktar tard minn ***sitt*** xhur mill-bidu tal-proċeduri.

Ġustifikazzjoni

Sabiex titjieb il-prevedibbiltà, l-investigazzjonijiet li jwasslu għal miżuri proviżorji għandhom jitqassru minn disgħa għal sebgħa.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 3 – punt a
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 1, tiddaħħal is-sentenza li ġejja:	***imħassar***
"Id-dażji proviżorji ma għandhomx jiġu applikati f'perjodu ta' ġimagħtejn wara li tintbagħat l-informazzjoni lill-partijiet interessati skont l-Artikolu 19a. Il-provvista ta' tali informazzjoni hija bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed mill-Kummissjoni wara."	

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 3 – punt b
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ammont tad-dazju proviżorju tal-anti-dumping ma għandux jaqbeż il-marġni tad-dumping kif stabbilit b'mod proviżorju. ***Sakemm ma jinstabx*** li jeżisti tgħawwiġ struttrali tal-materja prima fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiż esportatur***, dan għandu jkun inqas mill-marġni tad-dumping jekk dan l-inqas dazju jkun xieraq biex ineħħi l-ħsara għall-industrija tal-Unjoni.***	L-ammont tad-dazju proviżorju tal-anti-dumping ma għandux jaqbeż il-marġni tad-dumping kif stabbilit b'mod proviżorju***, iżda għandu jkun inqas mill-marġni jekk dazju inqas bħal dan ikun adatt biex titneħħa l-ħsara lill-industrija tal-Unjoni***.

Dan l-inqas dazju m'għandux japplika fi kwalunkwe minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jinstab li jeżisti tgħawwiġ strutturali ***jew interferenza sinifikanti mill-Istat rigward, fost l-oħrajn, il-prezzijiet, il-ispejjeż u d-dħul, inkluż pereżempju l-materja prima u l-enerġija, ir-riċerka u x-xogħol, l-outputs, il-bejgħ u l-investimenti, ir-rata tal-kambju u l-kundizzjonijiet ta' finanzjament għall-kummerċ ġust,*** fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiż esportatur***;***

(b) il-pajjiż esportatur m'għandux livell suffiċjenti ta' standards soċjali u ambjentali, fejn il-livelli suffiċjenti jiġu ddeterminati fuq il-bażi tar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva mill-pajjiż terz tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li fi kwalunkwe punt fiż-żmien l-Unjoni tkun parti minnhom u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia;

(c) l-ilmentatur jirrappreżenta industrija diversa u frammentata, fil-biċċa l-kbira magħmula minn SMEs;

(d) l-investigazzjoni jew l-investigazzjoni separata ta' kontra s-sussidji tkun stabbilixxiet tal-inqas b'mod proviżorju li l-pajjiż esportatur jipprovdi sussidju wieħed jew iżjed lill-produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat.

Madankollu, dan l-inqas dazju għandu jingħata dejjem meta jinstab li jeżisti tgħawwiġ strutturali tal-materja prima fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiż esportatur u dak il-pajjiż huwa pajjiż l-anqas żviluppat elenkat fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

**** Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li***

jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008.

Ġustifikazzjoni

Ir-regola tal-inqas dazju m'għandhiex tapplika fil-każijiet tal-anti-dumping meta jiġi stabbilit li l-pajjiż esportatur jinvolvi ruħu fi prattiki li jgħawġu b'mod sinifikanti l-kors regolari tal-kummerċ, meta l-pajjiż esportatur ikollu livell insuffiċjenti ta' standards soċjali u ambjentali jew fejn l-ilmentaturi huma SMEs. Għandha tapplika dejjem, madankollu, meta t-tgħawwiġ strutturali tal-materja prima jkun ir-riżultat ta' għażla deliberata magħmula minn pajjiż l-anqas żviluppat biex jipproteġi l-interess pubbliku tiegħu u l-għanijiet leġittimi tal-iżvilupp.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	3a. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:
1. Bil-kondizzjoni li jkun ġie determinat proviżorjament b'mod affermattiv dumping u ħsara, il-Kummissjoni tista' taċċetta offerti ta' ***garanziji*** volontarji sodisfaċenti sottomessi minn esportatur biex jirrevedi l-prezzijiet tiegħu jew biex iwaqqaf l-esportazzjonijiet li jkunu s-suġġett ta' prezzijiet bid-dumping***, jekk,*** wara konsultazzjoni speċifika mal-Kumitat Konsultattiv, ***tkun sodisfatta li b'hekk jiġi eliminat*** l-effett ta' ħsara li jġib miegħu d-dumping. F'każ bħal dan u sakemm ***jibqu*** jseħħu dawk ***il-garanziji***, ***id-dażji provviżorji*** imposti mill-Kummissjoni ***skond*** l-Artikolu 7(1) jew id-dazji definittivi imposti mill-Kunsill ***skond*** l-Artikolu 9(4) kif ikun il-każ ma għandhomx jgħoddu għall-importazzjonijiet rilevanti tal-prodott ***in kwistjoni*** manifatturat ***mill-kumpanniji*** msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta garanziji, kif sussegwentement emendata. Iż-żidiet fil-prezzijiet taħt dawn	"1. Bil-kondizzjoni li jkun ġie determinat proviżorjament b'mod affermattiv dumping u ħsara, il-Kummissjoni tista' taċċetta offerti ta' ***impenji*** volontarji sodisfaċenti sottomessi minn esportatur biex jirrevedi l-prezzijiet tiegħu jew biex iwaqqaf l-esportazzjonijiet li jkunu s-suġġett ta' prezzijiet bid-dumping wara konsultazzjoni speċifika mal-Kumitat Konsultattiv, ***sakemm dawn l-offerti jeliminaw b'mod effettiv*** l-effett ta' ħsara li jġib miegħu d-dumping. F'każ bħal dan u sakemm ***jibqgħu*** jseħħu dawk ***l-impenji***, ***id-dazji proviżorji*** imposti mill-Kummissjoni ***skont*** l-Artikolu 7(1) jew id-dazji definittivi imposti mill-Kunsill ***skont*** l-Artikolu 9(4) kif ikun il-każ ma għandhomx jgħoddu għall-importazzjonijiet rilevanti tal-prodott ***inkwistjoni*** manifatturat ***mill-kumpaniji*** msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta garanziji, kif sussegwentement emendata. Iż-żidiet fil-prezzijiet taħt dawn l-impenji ma għandhomx ikunu ogħla milli

il-garanziji ma għandhomx ikunu ogħla milli jkun neċessarju biex jiġi eliminat ***il-marġini*** tad-dumping u għandhom ikunu anqas mill-marġni tad-dumping jekk dawk iż-żidiet ikunu adegwati għat-tneħħija tal-ħsara lill-industrija ***Komunitarja***.	jkun neċessarju biex jiġi eliminat ***il-marġni*** tad-dumping u għandhom ikunu inqas mill-marġni tad-dumping jekk dawk iż-żidiet ikunu adegwati għat-tneħħija tal-ħsara lill-industrija ***tal-Unjoni, sakemm il-Kummissjoni, fl-impożizzjoni ta' dazji proviżorji jew definiti, ma tkunx iddeċidiet li dan l-inqas dazju ma għandux jiġi applikat***."

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 3b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	3b. Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:
4. Partijiet li joffru ***attività*** għandhom ikunu meħtieġa li jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali ta' ***attività bħal din***, sabiex ikun jista' jiġi magħmul disponibbli għall-partijiet interessati fl-investigazzjoni.	"4. Partijiet li joffru ***impenn*** għandhom ikunu meħtieġa li jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali ***sinifikanti*** ta' ***impenn bħal dan***, sabiex ikun jista' jiġi magħmul disponibbli għall-partijiet interessati fl-investigazzjoni***, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill***. ***Il-partijiet għandhom ikunu mitluba jiżvelaw kemm jista' jkun possibbli informazzjoni dwar il-kontenut u n-natura tal-impenn b'kunsiderazzjoni dovuta għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali skont l-Artikolu 19. Barra minn hekk, qabel ma taċċetta kwalunkwe offerta bħal din, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-karatteristiċi ewlenin tal-impenn.***

Ġustifikazzjoni

Sabiex titjieb it-trasparenza dwar l-impenji fuq il-prezz, l-informazzjoni għandha tinqasam mal-partijiet interessati fl-Unjoni u mal-kumpaniji li huma soġġetti għall-miżuri.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 9 – paragrafu 4 – l-aħħar sentenza

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ammont tad-dazju tal-anti-dumping ma għandux jaqbeż il-marġni tad-dumping stabbilit. ***Sakemm ma jinstabx*** li jeżisti tgħawwiġ strutturali ***tal-materja prima*** fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiż esportatur***, dan għandu jkun inqas mill-marġni tad-dumping jekk dan l-inqas dazju jkun xieraq biex ineħħi l-ħsara għall-industrija tal-Unjoni***.	L-ammont tad-dazju anti-dumping ma għandux ikun ogħla mill-marġni tad-dumping stabbilit ***iżda għandu jkun inqas mill-marġni jekk dan l-inqas dazju ikun adegwat biex titneħħa l-ħsara lill-industrija tal-Unjoni***.
	Dan l-inqas dazju m'għandux japplika fi kwalunkwe minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:
	(a) jinstab li jeżisti tgħawwiġ strutturali ***jew interferenzi sinifikanti mill-Istat rigward, fost l-oħrajn, il-prezzijiet, l-ispejjeż u d-dħul, inkluż pereżempju l-materja prima u l-enerġija, ir-riċerka u x-xogħol, l-outputs, il-bejgħ u l-investimenti, ir-rata tal-kambju u l-kundizzjonijiet ta' finanzjament għall-kummerċ ġust,*** fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiż esportatur***;***
	(b) il-pajjiż esportatur m'għandux livell suffiċjenti ta' standards soċjali u ambjentali, fejn il-livelli suffiċjenti jiġu ddeterminati fuq il-bażi tar-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva mill-pajjiż terz tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li fi kwalunkwe punt fiż-żmien l-UE tkun parti minnhom u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia;
	(b) l-ilmentatur jirrappreżenta industrija diversa u frammentata, fil-biċċa l-kbira

intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(c) l-investigazzjoni jew l-investigazzjoni separata ta' kontra s-sussidji tkun stabbilixxiet li l-pajjiż esportatur jipprovdi sussidju wieħed jew iżjed lill-produttur esporaturi tal-prodott ikkonċernat.

Madankollu, dan l-inqas dazju għandu jingħata dejjem meta jinstab li jeżisti tgħawwiġ strutturali tal-materja prima fir-rigward tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiż esportatur u dak il-pajjiż huwa pajjiż l-anqas żviluppat elenkat fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 978/2012.

Ġustifikazzjoni

Ir-regola tal-inqas dazju m'għandhiex tapplika fil-każijiet tal-anti-dumping meta jiġi stabbilit li l-pajjiż esportatur jinvolvi ruħu fi prattiki li jgħawġu b'mod sinifikanti l-kors regolari tal-kummerċ, meta l-pajjiż esportatur ikollu livell insuffiċjenti ta' standards soċjali u ambjentali jew fejn l-ilmentaturi huma SMEs. Għandha tapplika dejjem, madankollu, meta t-tgħawwiġ strutturali tal-materja prima jkun ir-riżultat ta' għażla deliberata magħmula minn pajjiż l-anqas żviluppat biex jipproteġi l-interess pubbliku tiegħu u l-għanijiet leġittimi tal-iżvilupp.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 5
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Miżura definittiva kontra d-dumping għandha tiskadi ħames snin wara l-impożizzjoni tagħha jew ħames snin mid-data tal-konklużjoni ***ta' l-iktar*** reviżjoni riċenti li kopriet kemm id-dumping kif ukoll il-ħsara, sakemm ma jiġix stabbilit f'reviżjoni li d-data ta' skadenza kienet x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara. Reviżjoni ta' skadenza bħal din għandha tinbeda fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jew fuq talba magħmula minn, jew għan-nom ta', produttur Komunitarji, u l-miżura	2. Miżura definittiva kontra d-dumping għandha tiskadi ħames snin wara l-impożizzjoni tagħha jew ħames snin mid-data tal-konklużjoni ***tal-iktar*** reviżjoni riċenti li kopriet kemm id-dumping kif ukoll il-ħsara, sakemm ma jiġix stabbilit f'reviżjoni li d-data ta' skadenza kienet x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara. Reviżjoni ta' skadenza bħal din għandha tinbeda fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jew fuq talba magħmula minn, jew għan-nom ta', produttur Komunitarji, u l-miżura

għandha tibqa' infurzata fl-istennija tar-riżultat ta' reviżjoni bħal din.

Reviżjoni ta' skadenza għandha tinbeda fejn it-talba jkun fiha evidenza suffiċjenti li l-iskadenza tal-miżuri kienu x'aktarx jirriżultaw f'kontinwazzjoni jew rikorrenza ***tal-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara***. Probabbiltà bħal din tista', ***per eżempju***, tiġi indikata b'evidenza ta' ***bejgħ taħt il-prezz*** u ħsara kontinwa jew evidenza li t-tneħħija tal-ħsara hija parzjali jew ikkawżata biss mill-eżistenza ta' miżuri jew evidenza li ċ-ċirkustanzi ***ta' l-esportaturi***, jew il-kondizzjonijiet tas-suq, huma tali li kienu jindikaw il-probabbilità ta' aktar dumping b'dannu.

Fit-twettiq ta' l-investigazzjonijiet taħt dan il-paragrafu l-esportaturi, l-importaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni u l-produtturi tal-Komunità għandhom jiġu mogħtija l-opportunità li jamplifikaw, jopponu jew jikkummentaw fuq il-kwistjonijiet stabbiliti fit-talba tar-reviżjoni, u għandhom isiru konklużjonijiet, filwaqt li tingħata l-attenzjoni mistħoqqa għall-evidenza rilevanti u dokumentata ppreżentata fejn għandha x'taqsam il-kwistjoni dwar jekk l-iskadenza tal-miżuri twassalx għall-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping u tal-ħsara.

Notifika ta' l-iskadenza pendenti għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fi żmien xieraq fis-sena tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri finali kif definiti f'dan il-paragrafu. Minn hemm, il-produtturi tal-Komunità għandhom, mhux iktar tard minn tlett xhur qabel l-aħħar tal-perjodu ta' ħames snin, ikunu intitolati li jagħmlu talba ta' reviżjoni skond it-tieni sub-paragrafu. Notifika li tħabbar l-iskadenza attwali tal-miżuri skond dan il-paragrafu għandha wkoll tiġi ppubblikata.

għandha tibqa' infurzata fl-istennija tar-riżultat ta' reviżjoni bħal din.

Reviżjoni ta' skadenza għandha tinbeda fejn it-talba jkun fiha evidenza suffiċjenti li l-iskadenza tal-miżuri kienu x'aktarx jirriżultaw f'kontinwazzjoni jew rikorrenza ***ta' dumping u ta' ħsara***. Probabbiltà bħal din tista', ***pereżempju***, tiġi indikata b'evidenza ta' ***dumping*** u ħsara kontinwa jew evidenza li t-tneħħija tal-ħsara hija parzjali jew ikkawżata biss mill-eżistenza ta' miżuri jew evidenza li ċ-ċirkustanzi ***tal-esportaturi***, jew il-kondizzjonijiet tas-suq, huma tali li kienu jindikaw il-probabbilità ta' aktar dumping b'dannu. ***Din il-probabbilità tista' tkun appoġġjata wkoll permezz tal-persistenza ta' indħil min-naħa tal-Istati.***

Fit-twettiq tal-investigazzjonijiet taħt dan il-paragrafu**,** l-esportaturi, l-importaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni u l-produtturi tal-Komunità għandhom jiġu mogħtija l-opportunità li jamplifikaw, jopponu jew jikkummentaw fuq il-kwistjonijiet stabbiliti fit-talba tar-reviżjoni, u għandhom isiru konklużjonijiet, filwaqt li tingħata l-attenzjoni mistħoqqa għall-evidenza rilevanti u dokumentata ppreżentata fejn għandha x'taqsam il-kwistjoni dwar jekk l-iskadenza tal-miżuri twassalx għall-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping u tal-ħsara.

Ġustifikazzjoni

Il-persistenza ta' tgħawwiġ strutturali għandha tikkostitwixxi element ta' prova addizzjonali tat-titwil tal-miżuri.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 5 – punt a
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 5, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:	***imħassar***
"Jekk wara investigazzjoni skont il-paragrafu 2 il-miżura tiskadi, kwalunkwe dazju miġbur mid-data tal-bidu ta' tali investigazzjoni għandu jitħallas lura sakemm dan ikun rikjest mill-awtoritajiet doganali nazzjonali u mogħti minn dawk l-awtoritajiet skont il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni applikabbli fir-rigward tal-ħlas lura u l-ħelsien tad-dazju. Tali ħlas lura ma jwassalx għall-ħlas tal-imgħax mill-awtoritajiet doganali nazzjonali kkonċernati."	

Ġustifikazzjoni

Sabiex jinżamm il-bilanċ tal-istrument, din il-forma ġdida ta' rimborż, forma burokratika u kumplessa, mhix mixtieqa.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	6a. Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

3. ***Disposizzjonijiet*** speċjali, b'mod partikolari fejn għandha x'taqsam id-definizzjoni komuni tal-kunċett ta' oriġini, kif jinsab fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat- 12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali ***Komunitarju [6]*** jistgħu jiġu adottati ***skond*** dan ir-Regolament.	"3. ***Dispożizzjonijiet*** speċjali, b'mod partikolari fejn għandha x'taqsam id-definizzjoni komuni tal-kunċett ta' oriġini, kif jinsab fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità***, jew skont l-Artikolu 2 tiegħu,*** jistgħu jiġu adottati ***skont*** dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi evitata l-evażjoni tal-miżuri anti-dumping, l-ambitu tal-leġiżlazzjoni dwar id-difiża tal-kummerċ għandu jiġi allinjat totalment mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Doganali.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 6b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	6b. Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:
5. Il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, tidderieġi l-awtoritajiet tad-dwana biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jistgħu sussegwentament jiġu applikati kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' reġistrazzjoni bħal din. L-importazzjonijiet ***jistgħu jsiru*** soġġetti għal reġistrazzjoni wara talba mill-industrija ***Komunitarja*** li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika azzjoni bħal din. ***Għandha tiġi introdotta reġistrazzjoni mir-regolament li għandu jispeċifika l-iskop ta' l-azzjoni u, jekk xieraq, l-ammont stmat ta' obbligazzjoni possibbli fil-ġejjieni.*** L-importazzjonijiet ***ma għandhomx jiġu magħmula*** soġġetti għal reġistrazzjoni ***ta'***	"5. Il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, tidderieġi l-awtoritajiet tad-dwana biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jistgħu sussegwentament jiġu applikati kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' reġistrazzjoni bħal din.

perjodu itwal minn disa xhur.

L-importazzjonijiet ***għandhom isiru*** soġġetti għal reġistrazzjoni wara talba mill-industrija ***tal-Unjoni*** li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika azzjoni bħal din. L-importazzjonijiet ***jistgħu jsiru*** soġġetti ***wkoll*** għal reġistrazzjoni ***fuq l-inizjattiva proprja tal-Kummissjoni***.

L-importazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni mid-data tal-bidu tal-investigazzjoni fejn l-ilment tal-industrija tal-Unjoni jkun fih talba għar-reġistrazzjoni u biżżejjed evidenza biex tiġġustifika azzjoni bħal din

Għandha tiġi introdotta reġistrazzjoni mir-regolament li għandha tispeċifika l-iskop ta' l-azzjoni u, jekk xieraq, l-ammont stmat ta' obbligazzjoni possibbli fil-ġejjieni. L-importazzjonijiet m'għandhomx ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni għal perjodu itwal minn disa' xhur."

Ġustifikazzjoni

Sabiex jittaffa' r-riskju tal-ħażniet kbar, ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għandha sseħħ wara s-sottomissjoni ta' kwalunkwe talba ġustifikata, u mid-data tal-bidu meta l-ilment jiġġustifika dan. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà wkoll tordna r-reġistrazzjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 6c (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
	6c. Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:
6. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull xahar, bil-kummerċ tal-importazzjoni fil-prodotti soġġetti għal	‘6. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull xahar, bil-kummerċ tal-importazzjoni fil-prodotti soġġetti għal

investigazzjoni u għal miżuri, u dwar l-ammont ta' dazji miġbura ***skond*** dan id-Regolament.	investigazzjoni u għal miżuri, u dwar l-ammont ta' dazji miġbura ***skont*** dan id-Regolament. ***Meta tirċievi talba espliċita u motivata minn parti interessata, u skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tikkomunikalhom l-informazzjoni dwar il-volum u l-valuri tal-importazzjoni ta' dawn il-prodotti.***

Ġustifikazzjoni

Sabiex ittejjeb it-trasparenza, il-Kummissjoni għandha taqsam l-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 6d (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 14 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6d. Fl-Artikolu 14, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"7a. Kull meta l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li tadotta jew tippubblika kwalunkwe dokument immirat li jiċċara l-prattika stabbilita tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi kwalunkwe wieħed mill-elementi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel l-adozzjoni jew il-pubblikazzjoni, bil-għan li jintlaħaq kunsens u li dan id-dokument partikolari jiġi approvat. Kwalunkwe modifika sussegwenti ta' dawn id-dokumenti għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti proċedurali bħal dawn. F'kull każ, kull wieħed minn dawn id-dokumenti għandu jkun f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. L-ebda dokument bħal dan ma jista' jwessa' d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni, kif

interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fl-adozzjoni tal-miżuri."

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 7
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"1. F'każijiet fejn l-għadd ta' produtturi, esportaturi jew importaturi tal-Unjoni, it-tipi ta' prodott jew it-tranżazzjonijiet huwa kbir, l-investigazzjoni tista' tiġi limitata għal għadd raġjonevoli ta' partijiet, prodotti, jew tranżazzjonijiet bl-użu ta' kampjuni li huma statistikament validi fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tal-għażla, jew għall-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet li jistgħu b'mod raġjonevoli jiġu investigati fiż-żmien disponibbli."	"1. F'każijiet fejn l-għadd ta' produtturi, esportaturi jew importaturi tal-Unjoni ***li jikkooperaw fl-investigazzjoni bil-kunsens tagħhom***, it-tipi ta' prodott jew it-tranżazzjonijiet huwa kbir, l-investigazzjoni tista' tiġi limitata għal għadd raġonevoli ta' partijiet, prodotti, jew tranżazzjonijiet bl-użu ta' kampjuni li huma statistikament validi fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tal-għażla, jew għall-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet li jistgħu b'mod raġonevoli jiġu investigati fiż-żmien disponibbli. ***Fil-każ tas-setturi industrijali diversi u frammentati, fil-biċċa l-kbira magħmula minn SMEs, l-għażla finali tal-partijiet għandha, fejn possibbli, tqis il-proporzjon tagħhom fis-settur ikkonċernat."***

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata informazzjoni aħjar, it-teħid ta' kampjuni għandu jinkludi kemm dawk li jagħmlu l-ilmenti u kemm dawk li m'għamlux.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 8
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 19a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, u r-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur, jistgħu jitolbu informazzjoni dwar l-impożizzjoni ppjanata tad-dazji proviżorji. It-talbiet għal tali informazzjoni għandhom isiru bil-miktub fil-limitu ta' żmien preskritt fl-avviż tal-bidu. It-tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta lil dawk il-partijiet, mill-inqas ġimagħtejn qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 7(1) għall-impożizzjoni tad-dazji proviżorji. It-tali informazzjoni għandha tinkludi:	***imħassar***
(a) sommarju tad-dazji proposti għall-iskopijiet ta' informazzjoin biss, u	
(b) dettalji tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping u l-marġni xieraq biex titneħħa l-ħsara għall-industrija tal-Unjoni, filwaqt li titqies kif dovut il-ħtieġa li jiġu rispettati l-obbligi tal-kunfidenzjalità msemmijin fl-Artikolu 19. Il-partijiet għandu jkollhom perjodu ta' tlitt ijiem ta' xogħol biex jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli.	

Ġustifikazzjoni

L-iżvelar minn qabel tal-informazzjoni dwar l-impożizzjoni ppjanata tad-dazji proviżorji jżid ir-riskju ta' iżjed politiċizzazzjoni tal-proċediment. L-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandhom jitwettqu fuq bażi teknika u għandhom jitnaqqsu l-opportunitajiet għal-lobbying.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Artikolu 21(2) jinbidel b'dan li ġej:	***imħassar***
'2. Sabiex tiġi provduta bażi soda li fuqha l-awtoritajiet jistgħu jagħtu kas tal-opinjonijiet u l-informazzjoni kollha fid-deċiżjoni ta' jekk l-impożizzjoni tal-miżuri hix fl-interess tal-Unjoni jew le, il-produtturi, l-importaturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti rappreżentattivi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi jistgħu, fi żmien il-limiti ta' żmien speċifikati fl-avviż tal-bidu tal-investigazzjoni tal-anti-dumping, jippreżentaw lilhom infushom u jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni. Informazzjoni bħal din, jew ġabriet fil-qosor xierqa, għandhom jiġu magħmula disponibbli lill-partijiet l-oħra speċifikati f'dan l-Artikolu, u għandhom ikunu intitolati li jirrispondu għal informazzjoni bħal din."	

Ġustifikazzjoni

Il-prattika attwali tal-Kummissjoni dwar dan l-aspett tat-test tal-interess tal-Unjoni m'għandhiex tiġi modifikata

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 9a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9c. il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 22:
	"1a. Hekk kif l-Istati Membri kollha jkunu rratifikaw il-Konvenzjonijiet il-ġodda tal-ILO, il-Kummissjoni għandha taġġorna l-Anness Ia skont dan, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-

Artikolu 290 TFUE."

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 9b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9b. Qed jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 22a
	Rapport
	1. Sabiex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha, b'kunsiderazzjoni dovuta għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali fit-tifsira tal-Artikolu 19, tippreżenta rapport annwali dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħala parti minn djalogu dwar l-istrument għad-difiża tal-kummerċ bejn il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji u definittivi, it-terminazzjoni tal-investigazzjonijiet mingħajr miżuri, impenji, investigazzjonijiet mill-ġdid, reviżjonijiet u żjarat ta' verifika, u l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u t-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minnu. Ir-rapport għandu jkopri wkoll l-użu tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ minn pajjiżi terzi li qed ifittxu l-Unjoni, l-informazzjoni dwar l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni kkonċernata mill-miżuri imposti u l-appelli kontra l-miżuri imposti. Għandu jinkludi l-attivitajiet tal-Uffiċjal tas-Seduta tad-Direttorat Ġenerali għall-

Kummerċ tal-Kummissjoni u dawk tal-Help Desk tal-SMEs relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu biex tippreżenta u tispjega l-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport jista' jkun soġġett għal riżoluzzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill."

Ġustifikazzjoni

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 9c (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1225/2009
Anness Ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9c. Jiżdied l-Anness li ġej:
	"Anness Ia
	Il-Konvenzjonijiet tal-ILO imsemmija fl-Artikoli 7, 8, 9
	1. Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat u Obbligatorju, Nru 29 (1930)
	2. Il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt

	għall-Organizzazzjoni, Nru 87 (1948)
	3. Il-Konvenzjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, Nru 98 (1949)
	4. Il-Konvenzjoni dwar Rimunerazzjoni Ugwali għal Ħaddiema Rġiel u Nisa għal Xogħol ta' Valur Ugwali, Nru 100 (1951)
	5. Il-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, Nru 105 (1957)
	6. Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni fir-Rigward ta' Impjiegi u Xogħol, Nru 111 (1958)
	7. Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima għal Dħul f'Impjieg, Nru 138 (1973)
	8. Il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni u Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni tal-Agħar Forom ta' Xogħol minn Minorenni, Nru 182 (1999)"

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt -1 (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Titolu

Test fis-seħħ	*Emenda*
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal- 11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri ***tal-Komunità*** Ewropea	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri ***tal-Unjoni*** Ewropea. *(Din l-emenda tapplika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 kollu.)*

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 1a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1a. Għandha tiddaħħal il-premessa li ġejja:
	"(9a) Fl-Unjoni, is-sussidji kompensatorji, bħala regola ġenerali, huma pprojbiti skont l-Artikolu 107(1) TFUE. Għalhekk, is-sussidji kompensatorji mogħtija minn pajjiżi terzi jgħawġu partikolarment il-kummerċ. L-ammont ta' għajnuna mill-Istat awtorizzat mill-Kummissjoni tnaqqas ħafna tul iż-żmien. Għall-istrumenti kontra s-sussidji, ir-regola tal-inqas dazju għalhekk ma għandhiex tiġi applikata aktar għall-importazzjonijiet minn pajjiż jew pajjiżi involuti fis-sussidjar."

Ġustifikazzjoni

Sabiex is-sħab kummerċjali tal-UE jiġu skoraġġiti milli jinvolvu ruħhom fi prattiki ta' sussidjar, ir-regola tal-inqas dazju m'għandhiex tapplika f'dawk il-każijiet. Il-Premessa 9 tal-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni trid tiġi trasferita fir-Regolament Bażiku ta' kontra s-sussidju.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 1b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1b. Fl-Artikolu 1(1), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"L-użu ta' kwalunkwe prodott sussidjat f'konnessjoni mal-esplorazzjoni tal-Blata Kontinentali jew iż-Żona Ekonomika Esklussiva ta' Stat Membru, jew l-isfruttament tar-riżorsi tagħha, għandu jiġi ttrattat bħala importazzjoni taħt ir-Regolament preżenti u jiġi impost bid-

dazju skont dan, meta jagħmel ħsara lill-industrija tal-Unjoni."

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (UNCLOS) u l-prattiki internazzjonali, l-UE għandha tapplika l-istrument ta' kontra s-sussidji anke għal oġġetti maħsuba biex jintużaw fil-Blata Kontinentali jew fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tal-Istati Membri tagħha.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 1a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 10 – paragrafu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	1a. Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:
8. Jekk, f'ċirkostanzi speċjali, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tibda investigazzjoni mingħajr ma tkun irċeviet ilment bil-miktub minn jew f'isem l-industrija ***tal-Komunità*** sabiex tinbeda din l-investigazzjoni, din għandha ssir fuq il-bażi ta' provi suffiċjenti tal-eżistenza ta' sussidji ta' kumpens, danni u rabta kawżali, kif deskritti fil-paragrafu 2, biex ikun ġustifikat dan il-bidu.	"8. Jekk, f'ċirkustanzi speċjali, ***b'mod partikolari meta jkunu kkonċernati setturi diversi u frammentati li fil-biċċa l-kbira huma magħmula minn SMEs,*** il-Kummissjoni tiddeċiedi li tibda investigazzjoni mingħajr ma tkun irċeviet ilment bil-miktub minn jew f'isem l-industrija ***tal-Unjoni*** sabiex tinbeda din l-investigazzjoni, din għandha ssir fuq il-bażi ta' provi suffiċjenti tal-eżistenza ta' sussidji ta' kumpens, danni u rabta kawżali, kif deskritti fil-paragrafu 2, biex ikun ġustifikat dan il-bidu."

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 2
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 11 – paragrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"11. Il-produttur tal-Unjoni tal-prodott simili huma obbligati li jikkooperaw fil-proċedimenti li jkunu nbdew skont l-Artikolu 10(8)."	***imħassar***

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 2
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 11 – paragrafu 9

Test fis-seħħ	*Emenda*
9. Għal proċeduri li jinbdew bis-saħħa tal-Artikolu 10(11), investigazzjoni għandha tiġi konkluża fi żmien ***sena***, kull meta dan ikun possibbli. F'kull każ, dawn l-investigazzjonijiet għandhom jiġu konklużi fi żmien ***13-il-xahar*** mill-bidu tagħhom, skont is-sejbiet magħmula bis-saħħa tal-Artikolu 13 għal ***obbligi*** u sejbiet magħmula bis-saħħa tal-Artikolu 15 għal azzjoni definittiva.	9. Għal proċeduri li jinbdew bis-saħħa tal-Artikolu 10(11), investigazzjoni għandha tiġi konkluża fi żmien ***disa' xhur***, kull meta dan ikun possibbli. F'kull każ, dawn l-investigazzjonijiet għandhom jiġu konklużi fi żmien ***10 xhur*** mill-bidu tagħhom, skont is-sejbiet magħmula bis-saħħa tal-Artikolu 13 għal impenji u sejbiet magħmula bis-saħħa tal-Artikolu 15 għal azzjoni definittiva. ***Il-perjodi tal-investigazzjoni għandhom, kull fejn possibbli, b'mod speċjali fil-każ ta' setturi diversi u frammentati li fil-biċċa l-kbira huma magħmula minn SMEs, jikkoinċidu mas-sena finanzjarja.***

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 2
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 11 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11a. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-istrument għas-setturi diversi u frammentati, fil-biċċa l-kbira magħmula minn SMEs, fil-kuntest ta' każijiet ta' anti-dumping, permezz tal-Help Desk tal-SMEs.
	Il-Help Desk tal-SMEs għandha tqajjem kuxjenza dwar l-istrument, tipprovdi informazzjoni u spjegazzjonijiet dwar il-każijiet, dwar kif jitressaq ilment u dwar kif tiġi ppreżentata aħjar l-evidenza ta' dumping/dazji kompensatorji u ta' ħsara. Il-Help Desk tal-SMEs għandha tagħmel disponibbli formoli standard għas-sottomissjoni tal-istatistika għall-finijiet permanenti u l-kwestjonarji.
	Wara l-bidu ta' investigazzjoni, il-Help Desk tal-SMEs għandha tinforma lill-SMEs u lill-assoċjazzjonijiet rilevanti tagħhom li x'aktarx se jkunu affettwati mill-bidu ta' proċedimenti u l-iskadenzi rilevanti għar-reġistrazzjoni bħala parti interessata.
	Il-Help Desk għandha tgħin fl-indirizzar tal-kwistjonijiet rigward il-mili ta' kwestjonarji, fejn għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-mistoqsijiet tal-SMEs fir-rigward ta' investigazzjonijiet mibdija skont l-Artikolu 10(8). Sakemm huwa possibbli, għandha tnaqqas il-piż ikkawżat mill-ostakli tal-lingwa.
	Fil-każ li l-SMEs jipprovdu evidenza prima facie ta' dumping jew tas-sussidji kompensatorji, il-Help Desk tal-SMEs għandha tipprovdi lill-SMEs b'informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-volum u l-valur tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat skont l-Artikolu 24(6).

Għandha tipprovdi wkoll gwida dwar metodi addizzjonali ta' kuntatt u kooperazzjoni mal-Uffiċjal tas-Seduta u mal-awtoritajiet doganali nazzjonali. Il-Help Desk tal-SMEs għandha tinforma wkoll lill-SMEs dwar il-possibbiltajiet u l-kundizzjonijiet li fihom huma jistgħu jitolbu reviżjoni tal-miżuri u rifużjoni tad-dazji ta' anti-dumping imħallsa."

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 2
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 11 – paragrafu 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-aħjar aċċess possibbli għall-informazzjoni lill-partijiet interessati kollha billi tippermetti sistema ta' informazzjoni fejn il-partijiet interessati jiġu mgħarrfa fil-każ ta' żieda ta' informazzjoni ġdida mhux kunfidenzjali fil-fajls tal-investigazzjoni. Informazzjoni mhux kunfidenzjali għandha tkun aċċessibbli wkoll permezz ta' pjattaforma bbażata fuq l-internet.

Ġustifikazzjoni

Għandha titjieb it-trasparenza, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-fiduċja tal-produtturi u tal-konsumaturi fl-istrument, u tinżamm il-leġittimità tiegħu .

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 2
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 11 – paragrafu 11c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11c. Il-Kummissjoni għandha tħares l-

	eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati u għandha tiżgura li l-proċedimenti jiġu ttrattati b'mod imparzjali, b'mod oġġettiv u f'perjodu ta' żmien raġonevoli, permezz ta' Uffiċjal tas-Seduta fejn xieraq.

Ġustifikazzjoni

Għandha titjieb it-trasparenza, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-fiduċja tal-produtturi u tal-konsumaturi fl-istrument, u tinżamm il-leġittimità tiegħu .

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 2
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 11 – paragrafu 11d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	11d. Il-Kummissjoni għandha toħroġ kwestjonarji biex jintużaw fl-investigazzjonijiet fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, fuq talba tal-partijiet interessati.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-SMEs fil-proċedimenti, u sabiex jitjieb il-livell ta' kooperazzjoni, il-kwestjonarji għandhom ikunu disponibbli, fuq talba, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 3 – punt -a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:
"Id-dazji proviżorji għandhom ikunu imposti mhux aktar kmieni minn 60 jum	"Id-dazji proviżorji għandhom jiġu imposti mhux aktar kmieni minn 60 jum mill-bidu

mill-bidu tal-proċeduri imma mhux aktar tard minn ***disa'*** xhur mill-bidu tal-proċeduri."	tal-proċeduri imma mhux aktar tard minn ***sitt*** xhur mill-bidu tal-proċeduri."

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 3 – punt b
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-subparagrafu jiddaħħal fl-aħħar:	***imħassar***
"Id-dazji proviżorji ma għandhomx jiġu imposti f'perjodu ta' ġimagħtejn wara li tintbagħat l-informazzjoni lill-partijiet interessati skont l-Artikolu 29b. Il-provvista ta' tali informazzjoni hija bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed mill-Kummissjoni wara."	

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 3a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	3a. Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:
1. Bil-kondizzjoni li tkun saret determinazzjoni affermattiva ***provviżorja*** dwar l-għoti ta' sussidju u l-ħsara, il-Kummissjoni tista' taċċetta offerti ta' ***garanziji sodisfaċenti*** volontarji li taħthom:	"1. Bil-kondizzjoni li tkun saret determinazzjoni affermattiva ***proviżorja*** dwar l-għoti ta' sussidju u l-ħsara, il-Kummissjoni tista' taċċetta offerti ta' ***impenji*** volontarji li taħthom:
(a) il-pajjiż tal-oriġini u/jew tal-esportazzjoni jaqbel li jelimina jew jillimita s-sussidju jew jieħu miżuri oħra dwar l-	(a) il-pajjiż tal-oriġini u/jew tal-esportazzjoni jaqbel li jelimina jew jillimita s-sussidju jew jieħu miżuri oħra dwar l-

effetti tiegħu; jew	effetti tiegħu; jew
(b) xi esportatur jintrabat li jirrevedi l-prezzijiet tiegħu jew iwaqqaf l-esportazzjonijiet lejn iż-żona inkwistjoni sakemm dawn l-esportazzjonijiet jibbenefikaw minn sussidji ta' kumpens, ***sabiex il-Kummissjoni***, wara konsultazzjoni speċifika mal-Kumitat Konsultattiv, ***tkun sodisfatta*** li l-effett dannuż tas-sussidji jkun b'hekk eliminat.	(b) xi esportatur jintrabat li jirrevedi l-prezzijiet tiegħu jew iwaqqaf l-esportazzjonijiet lejn iż-żona inkwistjoni sakemm dawn l-esportazzjonijiet jibbenefikaw minn sussidji ta' kumpens, ***bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni***, wara konsultazzjoni speċifika mal-Kumitat Konsultattiv, ***tkun iddeterminat*** li l-effett ta' ħsara tas-sussidji jkun b'hekk eliminat.
F'każ bħal dan u sakemm jibqgħu fis-seħħ dawk l-impenji, id-dazji ***provviżorji*** imposti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 12(3) u d-dazji definittivi imposti mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(1) ma għandhomx japplikaw għall-importazzjonijiet rilevanti tal-prodott ikkonċernat manifatturat ***mill-kumpanniji*** msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-impenji u f'kull emenda sussegwenti ta' dik id-deċiżjoni.	F'każ bħal dan u sakemm jibqgħu fis-seħħ dawk l-impenji, id-dazji ***proviżorji*** imposti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 12(3) u d-dazji definittivi imposti mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(1) ma għandhomx japplikaw għall-importazzjonijiet rilevanti tal-prodott ikkonċernat manifatturat ***mill-kumpaniji*** msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-impenji u f'kull emenda sussegwenti ta' dik id-deċiżjoni.
Iż-żidiet fil-prezzijiet taħt dawk l-impenji ma għandhomx ikunu ogħla milli hu neċessarju biex ipaċu l-ammont ta' sussidji ta' kumpens, u għandhom ikunu inqas mill-ammont ta' sussidji ta' kumpens jekk dawn iż-żidiet ikunu biżżejjed biex ineħħu l-ħsara lill-industrija tal-Komunità.	***Ir-regola tal-inqas dazju m'għandhiex tapplika għall-prezzijiet li ntlaħaq ftehim dwarhom taħt dawn l-impenji fil-qafas tal-proċeduri ta' kontra s-sussidji."***

Ġustifikazzjoni

L-impenji jiġu aċċettati biss jekk jeliminaw b'mod effettiv l-effett ta' ħsara li jġib miegħu s-sussidju. Barra minn hekk, b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet l-oħra dwar ir-regola tal-inqas dazju, ir-regola tal-inqas dazju m'għandhiex tapplika fil-proċeduri ta' kontra s-sussidju.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 3b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	3b. Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:
4. Il-partijiet illi joffru impenn għandhom ikunu ***mistennija*** li jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali ta' dak l-impenn, sabiex din tkun tista' tingħata lill-partijiet interessati fl-investigazzjoni.	"4. Il-partijiet illi joffru impenn għandhom ikunu ***meħtieġa*** li jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali ***sinifikanti*** ta' dak l-impenn, sabiex din tkun tista' tingħata lill-partijiet interessati fl-investigazzjoni***, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***. ***Il-partijiet għandhom jintalbu jiżvelaw kemm jista' jkun possibbli informazzjoni dwar il-kontenut u n-natura tal-impenn b'kunsiderazzjoni dovuta għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali skont l-Artikolu 29. Barra minn hekk, qabel ma taċċetta kwalunkwe offerta bħal din, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-karatteristiċi ewlenin ta' dak l-impenn.***

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 6 – punt a
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 7a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 1 jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:	***imħassar***
"Jekk wara investigazzjoni skont l-Artikolu 18, il-miżura tiskadi, kwalunkwe dazju miġbur wara d-data tal-bidu tat-tali investigazzjoni għandu jiġi rimborżat. Ir-rimborż għandu jintalab mill-awtoritajiet doganali nazzjonali skont il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli tal-Unjoni."	

Ġustifikazzjoni

Sabiex jinżamm il-bilanċ tal-istrument, din il-forma ġdida ta' rimborż, forma burokratika u kumplessa, mhix mixtieqa.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 7a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	7a. Fl-Artikolu 24, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:
3. Dispożizzjonijiet speċjali, partikolarment dwar id-definizzjoni komuni tal-kunċett tal-oriġini, kif jinstab fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat- 12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [4], jistgħu jiġu adottati skont dan ir-Regolament.	"3. Dispożizzjonijiet speċjali, partikolarment dwar id-definizzjoni komuni tal-kunċett tal-oriġini, kif jinstab fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [4] ***jew skont l-Artikolu 2 tiegħu***, jistgħu jiġu adottati skont dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi evitata l-evażjoni tal-miżuri kontra s-sussidji, l-ambitu tal-leġiżlazzjoni dwar id-difiża tal-kummerċ għandu jiġi allinjat totalment mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Doganali.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 7b (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 24 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	7b. Fl-Artikolu 24, il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:
5. Il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali sabiex jieħdu l-passi approprjati biex jirreġistraw l-importazzjonijiet, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu sussegwentement	"5. Il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali sabiex jieħdu l-passi approprjati biex jirreġistraw l-importazzjonijiet, sabiex***, pereżempju,*** il-miżuri jkunu jistgħu

jiġu applikati kontra dik l-importazzjoni mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni.	sussegwentement jiġu applikati kontra dik l-importazzjoni mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni.
L-importazzjonijiet ***jistgħu*** jkunu soġġetti għal reġistrazzjoni wara talba mill-industrija ***tal-Komunità*** li jkun fiha provi suffiċjenti li tiġġustifika dik l-azzjoni.	L-importazzjonijiet ***għandhom*** jkunu soġġetti għal reġistrazzjoni wara talba mill-industrija ***tal-Unjoni*** li jkun fiha provi suffiċjenti li tiġġustifika dik l-azzjoni. ***L-importazzjonijiet jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal reġistrazzjoni fuq l-inizjattiva proprja tal-Kummissjoni.***
	L-importazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni mid-data tal-bidu tal-investigazzjoni fejn l-ilment tal-industrija tal-Unjoni jkun fih talba għar-reġistrazzjoni u biżżejjed evidenza biex tiġġustifika azzjoni bħal din.
Ir-registrazzjoni għandha tiddaħħal b'Regolament li għandu jispeċifika l-iskop tal-azzjoni u, jekk ikun approprjat, l-ammont stmat ta' obbligazzjoni futura possibbli. L-importazzjonijiet m'għandhomx ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni għal perjodu itwal minn disa' xhur.	Ir-registrazzjoni għandha tiddaħħal b'Regolament li għandu jispeċifika l-iskop tal-azzjoni u, jekk ikun approprjat, l-ammont stmat ta' obbligazzjoni futura possibbli. L-importazzjonijiet m'għandhomx ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni għal perjodu itwal minn disa' xhur."

Ġustifikazzjoni

Sabiex jittaffa' r-riskju tal-ħażniet kbar, ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għandha sseħħ wara s-sottomissjoni ta' kwalunkwe talba ġustifikata, u mid-data tal-bidu meta l-ilment jiġġustifika dan. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà wkoll tordna r-reġistrazzjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 7c (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 24 – paragrafu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
	7c. Fl-Artikolu 24, il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:
6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu	**'**6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu

rapport kull xahar lill-Kummissjoni, dwar il-kummerċ tal-importazzjoni ta' prodotti soġġetti għal investigazzjoni u għal miżuri, u dwar l-ammont ta' dazji miġbura bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.	rapport kull xahar lill-Kummissjoni, dwar il-kummerċ tal-importazzjoni ta' prodotti soġġetti għal investigazzjoni u għal miżuri, u dwar l-ammont ta' dazji miġbura bis-saħħa ta' dan ir-Regolament. ***Meta tirċievi talba espliċita u motivata minn parti interessata, u wara li tirċievi l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tikkomunikalhom l-informazzjoni dwar il-volum u l-valuri tal-importazzjoni ta' dawk il-prodotti."***

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 7d (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 24 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7d. Fl-Artikolu 24, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"7a. Kull meta l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li tadotta jew tippubblika kwalunkwe dokument immirat li jiċċara l-prattika stabbilita tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi kwalunkwe wieħed mill-elementi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel l-adozzjoni jew il-pubblikazzjoni, bil-għan li jintlaħaq kunsens u li dan id-dokument partikolari jiġi approvat. Kwalunkwe modifika sussegwenti ta' dawn id-dokumenti għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti proċedurali bħal dawn. F'kull każ, kull wieħed minn dawn id-dokumenti għandu jkun f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. L-ebda dokument bħal dan ma jista' jwessa' d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-

Unjoni Ewropea, fl-adozzjoni tal-miżuri."

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 8
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fl-Artikolu 27(1), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:	***8. Fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:***
"1. Fil-każi fejn in-numru ta' dawk li jagħmlu l-ilmenti, l-esportaturi jew l-importaturi, it-tipi ta' prodotti jew it-transazzjonijiet ikun kbir, l-investigazzjoni tista' tkun limitata għal:	"1. Fil-każi fejn in-numru ta' dawk li jagħmlu l-ilmenti, l-esportaturi jew l-importaturi, ***li jikkooperaw fl-investigazzjoni, jew*** it-tipi ta' prodotti jew it-transazzjonijiet ikun kbir, l-investigazzjoni tista' tkun limitata għal:
	(a) għadd raġonevoli ta' partijiet, prodotti jew tranżazzjonijiet billi jintużaw kampjuni li huma statistikament validi fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tal-għażla; jew
	(b) l-akbar volum rappreżentattiv tal-produzzjoni, tal-bejgħ jew tal-esportazzjoni li b'mod raġonevoli jista' jkun investigat fiż-żmien disponibbli.
	Fil-każ tas-setturi industrijali diversi u frammentati, fil-biċċa l-kbira magħmula minn SMEs, l-għażla finali tal-partijiet għandha, fejn possibbli, tqis il-proporzjon tagħhom fis-settur ikkonċernat."

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata informazzjoni aħjar, it-teħid ta' kampjuni għandu jinkludi kemm dawk li jagħmlu l-ilmenti u kemm dawk li m'għamlux.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 9
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 29b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Wara l-Artikolu 29, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 29b	
Informazzjoni dwar il-miżuri proviżorji	
1. Il-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, u l-pajjiż tal-oriġini u/jew tal-esportazzjoni, jistgħu jitolbu informazzjoni dwar l-impożizzjoni ppjanata tad-dazji proviżorji. It-talbiet għal tali informazzjoni għandhom isiru bil-miktub fil-limitu ta' żmien preskritt fl-avviż tal-bidu. It-tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta lil dawk il-partijiet, mill-inqas ġimagħtejn qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 12(1) għall-impożizzjoni tad-dazji proviżorji.	
It-tali informazzjoni għandha tinkludi:	
(a) sommarju tad-dazji proposti għall-iskopijiet ta' informazzjoin biss, u	
(b) dettalji tal-kalkolu tal-marġni tas-sussidji u l-marġni xieraq biex titneħħa l-ħsara għall-industrija tal-Unjoni, filwaqt li titqies kif dovut il-ħtieġa li jiġu rispettati l-obbligi tal-kunfidenzjalità msemmijin fl-Artikolu 29. Il-partijiet għandu jkollhom perjodu ta' tlitt ijiem ta' xogħol biex jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli.	
2. Fil-każijiet fejn huwa maħsub li ma jiġux imposti dazji proviżorji iżda li titkompla l-investigazzjoni, il-partijiet interessati għandhom jiġu infurmati dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni tad-dazji ġimagħtejn qabel l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 12(1) għall-impożizzjoni tad-	

dazji proviżorji."

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 10
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-Artikolu 31(2) jinbidel b'dan li ġej:	***imħassar***
"2. Sabiex tiġi provduta bażi soda li fuqha l-awtoritajiet jistgħu jagħtu kas tal-opinjonijiet u l-informazzjoni kollha fid-deċiżjoni ta' jekk l-impożizzjoni tal-miżuri hix fl-interess tal-Unjoni jew le, il-produtturi, l-importaturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti rappreżentattivi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi jistgħu, fil-limiti ta' żmien speċifikati fl-avviż tal-bidu tal-investigazzjoni kompensatorja, jippreżentaw lilhom infushom u jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni, jew is-sommarji tagħha kif xieraq, għandhom ikunu disponibbli lill-partijiet l-oħra kif speċifikat f'dan il-paragrafu, u huma għandhom ikunu intitolati li jwieġbu għal din l-informazzjoni."	

Ġustifikazzjoni

Il-prattika attwali tal-Kummissjoni dwar dan l-aspett tat-test tal-interess tal-Unjoni m'għandhiex tiġi modifikata.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt 10a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 597/2009
Artikolu 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Qed jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 33a
	Rapport
	1. Sabiex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha, b'kunsiderazzjoni dovuta għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 19, tippreżenta rapport annwali dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħala parti minn djalogu dwar l-istrument għad-difiża tal-kummerċ bejn il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji u definittivi, it-terminazzjoni tal-investigazzjonijiet mingħajr miżuri, impenji, investigazzjonijiet mill-ġdid, reviżjonijiet u żjarat ta' verifika, u l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u t-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minnu. Ir-rapport għandu jkopri wkoll l-użu tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ minn pajjiżi terzi li qed ifittxu l-Unjoni, l-informazzjoni dwar l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni kkonċernata mill-miżuri imposti u l-appelli kontra l-miżuri imposti. Għandu jinkludi l-attivitajiet tal-Uffiċjal tas-Seduta tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni u dawk tal-Help Desk tal-SMEs relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu biex tippreżenta u tispjega l-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport jista' jkun soġġett għal riżoluzzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill."

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. ***Għandu jiġi kkonsolidat mar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u mar-Regolament (KE) Nru 597/2009 sa ...*.*** _____ **** ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni
Il-proposta tal-Kummissjoni, li għandha l-għan li timmodernizza kemm ir-regolament tal-anti-dumping u kemm dawk ta' kontra s-sussidji, tinkludi erba' bidliet prinċipali: it-tneħħija tar-regola tal-inqas dazju f'każijiet ta' anti-dumping fejn hemm tgħawwiġ strutturali tal-materja prima u fil-każijiet kollha ta' kontra s-sussidji, l-obbligu għall-produtturi tal-Unjoni biex jikkooperaw f'investigazzjonijiet ex-officio, ir-rimborż ta' dazji miġbura matul reviżjonijiet ta' skadenza, u n-notifika ta' ġimagħtejn qabel id-dazji proviżorji huma introdotti, ħafna drabi riferuta bħala l-klawsola ta' kunsinna. Ir-raġunament tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq tliet objettivi: sabiex tiżdied l-effettività tal-istrumenti, titnaqqas it-theddida ta' ritaljazzjoni minn pajjiż terz, u tiżdied it-trasparenza u l-prevedibbiltà. Ir-Rapporteur jilqa' dawn it-tliet objettivi u jemmen li dawn għandhom jiġu kkombinati sabiex tinżamm il-fiduċja pubblika fl-istrumenti. Għalhekk, ir-Rapporteur jixtieq li jenfasizza l-qofol tal-Abbozz ta' Rapport billi jqajjem il-mistoqsijiet ta' hawn taħt.

Sa liema punt il-proposta tal-Kummissjoni tiżgura l-użu effettiv tal-istrumenti?
Ir-Rapporteur jaqbel mal-Kummissjoni li l-effettività hija fundamentali sabiex jiġi żgurat li l-istrument jaqdi l-għan tiegħu: biex jimpedixxi ħsara minn dumping u sussidjar illegali. Rigward l-effettività, il-Kummissjoni sostniet li r-rimborż tad-dazji miġbura taħt reviżjonijiet ta' skadenza u t-tneħħija parzjali tar-regola tad-dazju inferjuri huma kruċjali.

Rimborż ta' dazji miġbura taħt reviżjonijiet ta' skadenza
Il-Kummissjoni tipproponi r-rimborż ta' dazji miġbura taħt reviżjonijiet ta' skadenza, jekk ikun hemm provi li dumping jew sussidjar ikun ġie terminat, fejn issostni li dan jiżgura l-effettività. Madankollu, wieħed ta' min jistaqsi kif insiltet din il-konklużjoni. Wieħed jista' jargumenta li r-rimborż propost mhuwiex neċessarju, billi proċedura ta' rifużjoni diġà hija preżenti fir-regolamenti. Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi li dan il-paragrafu jitħassar.

Tneħħija parzjali tar-regola tal-inqas dazju
Il-Kummissjoni tipproponi li titneħħa r-regola tal-inqas dazju f'każijiet ta' anti-dumping, fejn jinstab tgħawwiġ strutturali tal-materja prima, u fil-każijiet kollha ta' kontra s-sussidji, fejn issostni li din it-tneħħija se ttejjeb l-effettività tal-istrumenti. Madankollu, għal darb'oħra huwa diffiċli sabiex jiġi aċċertat minn fejn ġejja din il-konklużjoni. B'konformità mad-WTO, id-dumping minnu nnifsu mhuwiex illegali, iżda dumping dannuż huwa llegali. Għalhekk, ir-regola tad-dazju inferjuri tiżgura t-tneħħija tal-ħsara kkawżata fuq il-produtturi tal-Unjoni, u hemm dubju jekk tariffi ogħla jagħtux spinta lill-effettività. Id-deterrenza tista' tkun il-motivazzjoni wara l-bidla proposta, iżda wieħed għandu jżomm f'moħħu l-effetti potenzjali. B'kunsiderazzjoni tal-katina ta' valur ħafna aktar globalizzata tal-lum, fejn aktar minn 50 fil-mija tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni jikkonsistu fi prodotti intermedji, il-livell ta' dazju miżjud mhux biss se jżomm prodotti ta' dumping u sussidjati minn pajjiżi terzi barra mis-suq tal-UE, iżda jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-aċċess tal-Unjoni għall-prodotti intermedji użati fl-esportazzjonijiet tal-Unjoni. Għalhekk, meta t-tariffi jiżdiedu għal-livell lil hinn minn dak neċessarju għat-tiswija tad-dannu, jiġu affettwati wkoll l-esportazzjonijiet tal-Unjoni, esportazzjonijiet li jiggarantixxu t-tkabbir ekonomiku.

Barra minn hekk, in-nuqqas ta' definizzjoni preċiża ta' tgħawwiġ strutturali tal-materja prima jista' jkun problematiku. S'issa, il-Kummissjoni ma ppreżentatx definizzjoni uniformi, fatt li wassal għal għadd kbir ta' spekulazzjonijiet. Ġie ssuġġerit li jkun hemm determinazzjoni ad hoc, iżda wkoll li l-ispejjeż tal-enerġija u tal-produzzjoni jiġu inklużi f'dan il-kunċett. Billi jintuża kunċett mhux definit u mhux prevedibbli bħala l-bażi għad-dħul, bl-istess mod ir-riżultat jista' ma jkunx prevedibbli, li jqiegħed f'dubju l-effettività tat-tneħħija tar-regola tal-inqas dazju. Il-kunċett jisfoka wkoll il-fruntieri bejn anti-dumping u kontra s-sussidji, li jista' jiġi kkunsidrat bħala ksur tal-Artikolu 32.1 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens. Konsegwentement, qabel ma jsir magħruf l-użu intiż tal-kunċett tat-tgħawwiġ strutturali tal-materja prima, huwa diffiċli li jiġi determinat sa liema punt dan jista' jżid l-effettività tal-istrument, jew jekk l-inċertezza legali tistax fil-fatt tnaqqas l-effettività.

Il-proposta tindirizza kif jixraq it-theddida ta' ritaljazzjoni minn pajjiżi terzi?
Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tirrikonoxxi t-tħassib dejjem jikber tal-produtturi tal-Unjoni fir-rigward tat-theddid ta' ritaljazzjoni minn produtturi ta' pajjiżi terzi wara li jitressaq ilment ta' anti-dumping jew kontra s-sussidji, u għalhekk ippreżentat l-obbligu biex tikkoopera fil-proċedimenti ex-officio. Madankollu, kif imsemmi qabel, ir-Rapporteur għandu tħassib fir-rigward ta' partijiet oħra tal-proposta tal-Kummissjoni li jistgħu jxekklu l-objettiv li jiżgura lill-Unjoni kontra tendenza ta' żieda ta' ritaljazzjoni, bħat-tneħħija parzjali tar-regola tad-dazju inferjuri.

Obbligu għall-kooperazzjoni fil-proċedimenti ex-officio
Skont il-Kummissjoni, it-theddida ta' ritaljazzjoni tista' tkun immaniġġjata billi jinfetħu investigazzjonijiet ex-officio, jiġifieri li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tibda investigazzjoni mingħajr ilment formali minn produttur tal-Unjoni. Hemm benefiċċji sinifikanti għal din il-proposta, kif ukoll l-aċċess estiż għal informazzjoni. Din tista' ttejjeb il-kwalità tat-teħid ta' kampjuni fl-investigazzjoni, fejn jistgħu jsiru konklużjonijiet aħjar u aktar sodi. Madankollu, hemm kwistjonijiet li għadhom mhux solvuti u mhumiex indirizzati mill-proposta. L-ewwel nett, għandu jiġi ddikjarat li l-ħila tal-Kummissjoni sabiex tibda proċedimenti ex-officio diġà teżisti fir-regolamenti, li tqajjem il-mistoqsija għalfejn il-Kummissjoni tqis ex-officio bħala s-soluzzjoni għat-theddida ta' ritaljazzjoni f'dan il-punt. It-tieni nett, minkejja li dan l-argument inaqqas ir-riskju ta' ritaljazzjoni, dan ma jneħħihx għal kollox. Wieħed jista' jassumi biċ-ċert li produttur infurmat sew minn pajjiż terz jista' jikkonkludi mingħajr diffikultajiet liema produtturi tal-Unjoni qed jaġixxu f'isem il-Kummissjoni. It-tielet, wieħed ma jistax ma jqisx il-piż amministrattiv li ġġib magħha l-parteċipazzjoni f'investigazzjoni, b'mod speċjali għall-SMEs, u xi kumpaniji jistgħu ma jħossuhomx komdi li jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni kummerċjali sensittiva. Ir-raba', mhumiex ċari l-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dawn it-talbiet ta' informazzjoni.

Barra minn hekk, fenomenu aktar riċenti u inkwetanti huwa t-tendenza ta' pajjiżi terzi li jippenalizzaw u jirritaljaw kontra ċerti Stati Membri tal-UE, jew setturi vitali mhux neċessarjament marbuta mas-settur affettwat minn dumping jew sussidjar ta' pajjiż terz. Għalhekk, wieħed jista' jargumenta li minflok ritaljazzjoni intrasettorjali, hemm żieda fir-riskju għall-ħolqien ta' ritaljazzjoni intersettorjali aktar dannuża u inġusta, jew kontroritaljazzjoni. F'dan is-sens, il-produtturi tal-Unjoni minn setturi oħra, li m'għandhomx

interess fir-riżultat tal-investigazzjoni, huma affettwati minn inizjattivi meħudin mill-Kummissjoni. Ir-Rapporteur jara dan bħala tendenza li hija anqas mixtieqa.

Madankollu, minkejja dan it-tħassib, wieħed jista' jargumenta li l-benefiċċji ta' teħid aħjar ta' kampjuni jegħlbu l-iżvantaġġi, u għalhekk jistgħu jitqiesu leġittimi. Sabiex jibbilanċja t-tħassib imsemmi hawn fuq, ir-Rapporteur jipproponi li tissaħħaħ il-Help Desk tal-SMEs, iżda wkoll li jitqiesu l-effetti negattivi potenzjali ta' bidliet oħra ta' politika, bħat-tneħħija parzjali tar-regola tal-inqas dazju.

Tneħħija parzjali tar-regola tal-inqas dazju

Kif imsemmi, il-proposta tal-Kummissjoni li tneħħi parzjalment ir-regola tal-inqas dazju tista' titqies bħala impatt fuq it-theddida ta' ritaljazzjoni. It-tneħħija tar-regola tad-dazju inferjuri tista' tiġi kkunsidrata bħala bidla tan-natura tal-istrumenti minn dik li kienet miżura korrettiva f'miżura ta' sanzjoni. Dan, flimkien mal-fatt li m'hemmx definizzjoni uniformi ta' tgħawwiġ strutturali tal-materja prima, jista' jitqies li joħloq aktar spazju għal mentalità għajn għal għajn. L-objettiv primarju tar-regola tad-dazju inferjuri huwa li titneħħa l-ħsara kkawżata, biex ma jiġux penalizzati s-sħab kummerċjali tal-Unjoni, li hija l-loġika wara l-isforz tal-Unjoni li tinkludi r-regoli tal-inqas dazju fin-negozjati tad-WTO. Għalhekk, wieħed għandu jistaqsi jekk il-limitazzjoni tar-regola tal-inqas dazju żżidx l-effettività jew fil-fatt tiggrava t-theddida ta' ritaljazzjoni. Hija l-fehma tar-Rapporteur, li t-tentattivi sabiex l-istrument isir aktar effettiv jistgħu ma jwasslu għal imkien jekk it-theddida ta' ritaljazzjoni tkun iggravata. Għal darb'oħra, għandu jingħad mill-ġdid it-tħassib imqajjem fis-sezzjoni preċedenti dwar ritaljazzjoni intrasettorjali li qed issir ritaljazzjoni intersettorjali. Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi li titħassar it-tneħħija parzjali tar-regola tad-tal-inqas dazju.

Il-proposta tiżgura trasparenza u prevedibbiltà suffiċenti?

It-trasparenza u l-prevedibbiltà huma vitali għall-partijiet kollha involuti, u huma mmirati sabiex jiżguraw il-fiduċja pubblika, ir-responsabbiltà u l-leġittimità tal-istrumenti. Ir-Rapporteur jixtieq li jiddiskuti tliet oqsma, il-klawsola ta' kunsinna, iż-żmien tal-impożizzjoni tad-dazji proviżorji u l-aċċess għall-informazzjoni.

Klawsola ta' kunsinna

Il-klawsola ta' kunsinna, jew in-notifika ta' ġimagħtejn qabel id-dazji proviżorji huma introdotti, tista' tipprovdi lill-importaturi ċertezza legali li n-negozju jista' jkompli b'mod normali sabiex tkun disponibbli prova inizjali ta' dumping u sussidjar. Skont il-Kummissjoni, din il-proposta għandha l-għan li żżid il-prevedibbiltà tal-investigazzjonijiet, u ħafna partijiet interessati jqisu din il-proposta bħala miżura ġusta. Madankollu, il-partijiet interessati qajmu wkoll il-kwistjoni li l-perjodu stipulat se jkun jew twil iżżejjed jew qasir iżżejjed. L-importazzjonijiet mir-Russja ma jeħtiġux klawsola ta' kunsinna ta' ġimagħtejn, iżda forsi ta' erbatijiem jew ħamsa biss. Madankollu, l-importazzjonijiet mill-Asja tal-Lvant, jistgħu jirrekjedu klawsola ta' kunsinna ta' sitt ġimgħat. Oħrajn wissew dwar il-periklu potenzjali ta' kumulazzjoni. Barra minn hekk, hemm fattur diskriminatorju inkorporat fil-proposta, billi l-partijiet interessati biss jistgħu jagħmlu użu mill-klawsola ta' konsenja. Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi li jbiddel in-notifikazzjoni minn qabel fi klawsola ta' konsenja reali li hija ispirata mir-regolament ta' salvagwardja, li jgħid li l-prodott ikkonċernat fi triqtu lejn l-Unjoni ma għandux ikun soġġett għal dazji proviżorji.

Żmien ta' dazji proviżorji

Flimkien ma' klawsola ta' konsenja reali, hemm oqsma oħra tal-investigazzjonijiet ta' anti-dumping u ta' kontra s-sussidji fejn it-trasparenza u l-prevedibbiltà jistgħu jissaħħu. F'maġġoranza kbira tal-każijiet, id-dazji proviżorji huma introdotti fid-disa' xahar tal-iskadenza jew fl-aħħar ġimgħa qabel l-iskadenza. Id-dazji proviżorji ġew introdotti qabel f'każijiet eċċezzjonali biss. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, ir-Rapporteur jipproponi li tiġi introdotta klawsola li tgħid li dazji proviżorji jistgħu jiġu mposti biss matul l-aħħar ġimgħa tal-investigazzjoni.

Aċċess għall-informazzjoni

Taħt ir-regolamenti attwali, il-partijiet interessati għandhom aċċess limitat ħafna ta' fajls rilevanti ta' investigazzjonijiet. Il-partijiet interessati qajmu dan it-tħassib, fejn isostnu li l-fajls mhux kunfidenzjali aċċessibbli huma ta' kwalità ħażina ħafna sabiex jintużaw. Għalhekk, sabiex jiġu evitati kalkoli ħżiena u użu mhux xieraq ta' informazzjoni, għandha ssir aktar ħidma sabiex jiġi faċilitat aċċess akbar kemm għall-fajls mhux kunfidenzjali u kemm dawk kunfidenzjali. Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi diversi dispożizzjonijiet. Barra mill-Uffiċjal tas-Seduta, il-Kummissjoni għandha tiggarantixxi titjib fit-trasparenza billi tintroduċi sistema ta' notifika fejn rappreżentanti legali jew partijiet interessati jiġu notifikati fil-każ ta' żieda ta' fajls ġodda fl-investigazzjoni, flimkien ma' aċċess onlajn għall-fajls kollha mhux kunfidenzjali.

Sa liema punt il-proposta tqis l-isfidi tal-futur?

Il-proposta tal-Kummissjoni hija ħafna drabi riferuta bħala modernizzazzjoni, adattament għal mudelli tal-kummerċ moderni. B'dan l-isfond, ir-Rapporteur iqis din il-proposta meħtieġa sabiex jiġu kkunsidrati kemm l-Omnibus kif ukoll it-tħassib ta' politika usa' tal-Unjoni.

Omnibus

Bl-adozzjoni li ġejja tat-Trade Omnibus I u II, jagħmel sens għall-Parlament l-iskrutinju tas-setgħat miżjuda li l-Kummissjoni se tikseb. Il-bilanċ tal-modernizzazzjoni għandu jitqies fid-dawl ta' dawn il-bidliet li ġejjin, li jqajjem il-mistoqsija sa liema punt il-proposta preżenti tqis dawn il-bidliet. Ir-Rapporteur jirrikonoxxi li l-modernizzazzjoni ma tistax u m'għandhiex minnha infisha tbiddel jew treġġa' lura Omnibus I u II, iżda minflok tagħti spinta għat-tisħiħ tal-iskrutinju tal-istrumenti, u toħloq ċertezza legali aħjar tar-regolamenti. Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi li jissaħħaħ ir-rapport annwali dwar l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, introdott wara l-adozzjoni ta' Omnibus I, li huwa soġġett għal riżoluzzjoni tal-Parlament.

Tħassib ieħor ta' politika

Tħassib ieħor ta' politika għandu jitqies iżjed minn qabel sabiex l-istrument ikun addattat għall-ambjent modern. Sar evidenti li l-kummerċ qed jaffaċċja sfidi li mhumiex essenzjalment relatati mal-kummerċ, iżda madankollu jinfluwenzaw il-politika tal-kummerċ. L-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ mhumiex eċċezzjoni. It-Test dwar l-Interess tal-Unjoni huwa parti vitali sabiex tiġi żgurata din il-koerenza tal-politika. Madankollu, jeżisti l-periklu ta' politiċizzazzjoni tal-istrument jekk il-qafas tal-Interess tal-Unjoni ma jkunx definit kif xieraq. It-test dwar l-Interess tal-Unjoni fl-investigazzjonijiet tal-Istrumenti għad-Difiża tan-Negozju għandhom jiggarantixxu li l-Kummissjoni titkellem b'vuċi waħda lejn iċ-ċittadini u l-konsumaturi tagħha, kif ukoll lejn il-pajjiżi terzi. Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi li

jissaħħu l-kriterji tal-Interess tal-Unjoni billi jintużaw il-linji gwida tal-Kummissjoni.

Konklużjoni
Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur jilqa' l-objettivi li l-Kummissjoni qed timpenja ruħha għalihom. L-effettività, it-tnaqqis tat-theddida ta' ritaljazzjoni, it-trasparenza u l-prevedibbiltà huma objettivi ammirabbli li kollha flimkien jiżguraw il-fiduċja pubblika fl-istrument. Fi ftit kliem, ir-Rapporteur ma jixtieqx li jmur lil hinn minn dawn l-objettivi, iżda jqis li jeżistu oqsma fejn dawn l-objettivi jistgħu jissaħħu billi tinstab tweġiba għall-mistoqsijiet li tqajmu hawn fuq.

PROĊEDURA

Titolu	Protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-KE
Referenzi	COM(2013)0192 – C7-0097/2013 – 2013/0103(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	10.4.2013
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 18.4.2013
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Christofer Fjellner 25.4.2013
Eżami fil-kumitat	10.7.2013 28.11.2013 17.12.2013
Data tal-adozzjoni	21.1.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 6 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikienė, Maria Badia i Cutchet, Nora Berra, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, Christofer Fjellner, Yannick Jadot, Metin Kazak, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Vital Moreira, Paul Murphy, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Henri Weber, Jan Zahradil, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Bearder, Béla Glattfelder, Syed Kamall, Elisabeth Köstinger, Katarína Neveďalová, Tokia Saïfi, Peter Skinner, Jarosław Leszek Wałęsa
Data tat-tressiq	27.1.2014